



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 15.9.2021
COM(2021) 573 final

ANNEX 2

Programmi ta' mobilizzazzjoni tal-UE

ANNEX

tal-

Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Komitat tar-Reġjuni

Il-Bauhaus Ewropea l-Ġdida: Sbuħija, Sostenibbiltà, Flimkien

Werrej

MOBILIZZAZZJONI TAL-PROGRAMMI TAL-UE	2
SEJĦIET APPOSTA GĦALL-BAUHAUS EWROPEA L-ĠDIDA	2
A.1. TRASFORMAZZJONI TA' NĦAWI FIL-PRATTIKA	2
A.1.1. Orizzont Ewropa - Pilastru 2 Sfidi globali u kompetittività industrijali Ewropea.....	2
A.1.2. Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR).....	3
A.1.3. Programm tas-Suq Uniku.....	3
A.2. TRASFORMAZZJONI TAL-EKOSISTEMA ABILITANTI GĦALL-INNOVAZZJONI	3
A.2.1. Il-Programm LIFE	4
A.2.2. Orizzont Ewropa - Pilastru 3 Ewropa Innovattiva	4
A.2.3. Programm tas-Suq Uniku - Pilastru COSME.....	4
A.3. DIFFUŻJONI TA' TIFSIRIET ĠODDA	4
A.3.1. Pjattaforma ta' Kondivizzjoni tal-Għarfien LIFE-Bauhaus Ewropea l-Ġdida	5
A.3.2. Attivitajiet ta' ERASMUS+ għaż-żgħażaġġ, l-edukazzjoni skolastika u l-għalliema.....	5
SEJĦIET TA' KONTRIBUZZJONI GĦALL-BAUHAUS EWROPEA L-ĠDIDA	7
B.1. TRASFORMAZZJONI TA' NĦAWI FIL-PRATTIKA	7
B.1.1. Orizzont Ewropa - Pilastru 2 Sfidi globali u kompetittività industrijali Ewropea.....	7
B.2. TRASFORMAZZJONI TAL-EKOSISTEMA ABILITANTI GĦALL-INNOVAZZJONI	8
B.2.1. Programm tas-Suq Uniku.....	8
B.2.2. Orizzont Ewropa - Pilastru 2 Sfidi globali u kompetittività industrijali Ewropea.....	8
B.2.3. Ewropa Kreattiva – Fergħa Transsettorjali	8
B.2.4. Sħubiji għall-Innovazzjoni ERASMUS+ – Alleanzi għall-innovazzjoni	8
B.2.5. Sħubija għall-Eċċellenza ERASMUS+ - Ċentri ta' Eċċellenza Vokazzjonali (CoVE)	9
B.3. DIFFUŻJONI TA' TIFSIRIET ĠODDA	9
B.3.1. Orizzont Ewropa - Pilastru 2 Sfidi globali u kompetittività industrijali Ewropea.....	9
B.3.2. Ewropa Kreattiva – Fergħa tal-KULTURA.....	10
B.3.3. Korp Ewropew ta' Solidarjetà.....	10

MOBILIZZAZZJONI TAL-PROGRAMMI TAL-UE

Is-servizzi tal-Kummissjoni ddefinixxew l-ewwel elementi ta' qafas ta' appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida b'għadd ta' azzjonijiet pilota li jibdew f'Settembru 2021. Se jkun meħtieġ sforz kollettiv fid-dimensjoni finanzjarja, għalhekk fil-livell tal-UE se jkun essenzjali l-kombinament ta' bosta strumenti ta' finanzjament tal-KE abbażi tal-kamp ta' applikazzjoni komplementari tagħhom. L-impatt finanzjarju tal-proposta relatat mal-kontribuzzjoni tal-UE se jiġi akkomodat fil-pakketti finanzjarji 2021-2027 attwali tal-programmi kkonċernati, kif ukoll fi f'dan ir-riżorsi tal-persunal maqbula.

Se jkun meħtieġ li jissaħħaħ l-appoġġ finanzjarju offrut mill-programmi tal-UE b'fondi lokali, reġjonali u nazzjonali oħra taħt ġestjoni kondiviża, biex jiġi żgurat it-tixrid tal-kunċett fil-prattika. Speċjalment fil-każ ta' bidliet fl-ambjent mibni, huwa meħtieġ finanzjament enormi li jista' jinkiseb biss billi jiġu kkombinati s-sorsi kollha possibbli. Il-Kummissjoni se tiddedika attenzjoni partikolari għall-koordinazzjoni tal-programmi differenti matul l-użu tagħhom.

Il-qafas ta' appoġġ jista' jinqasam f'żewġ komponenti: l-ewwel sett ta' sejħiet ġie ddedikat speċifikament għall-finanzjament tal-proġetti tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida; It-tieni sett ta' sejħiet inkluda l-Bauhaus Ewropea l-Ġdida bħala prijorità jew bħala element ta' kuntest, li jipprova opportunitajiet biex il-proġetti jikkontribwixxu għall-inizjattivi filwaqt li ma jiffokawx esklużivament fuqha.

SEJĦIET APPOSTA GĦALL-BAUHAUS EWROPEA L-ĠDIDA

A.1. TRASFORMAZZJONI TA' NĦAWI FIL-PRATTIKA

L-ewwel saff tal-qafas ta' appoġġ għandu jkollu l-għan li jappoġġa trasformazzjoni konkreta lokali fuq l-ambjent mibni, f'konformità mal-valuri ewlenin tal-estetika, tas-sostenibbiltà u tal-inklużjoni soċjali. L-ilħuq tal-għanijiet tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida permezz tal-implimentazzjoni ta' proġetti ta' trasformazzjoni lokali se jeħtieġ appoġġ estensiv għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-awtoritajiet reġjonali u lokali u tal-awtoritajiet maniġerjali

A.1.1. Orizzont Ewropa - Pilastru 2 Sfidi globali u kompetittività industrijali Ewropea

GĦAL: Entitajiet eliġibbli kollha fil-qafas ta' HE |BAĠIT: EUR 25 miljun |META: Settembru 2021 - Jannar 2022

HORIZON-MISS-2021-NEB-01-01: Appoġġ għat-tnedija ta' dimostraturi fanal għall-inizjattiva Bauhaus Ewropea Ġdida fil-kuntest tal-missjonijiet ta' Orizzont Ewropa: Id-dimostraturi fanal se jindirizzaw sfidi rilevanti għall-NEB permezz ta' approċċ orjentat lejn il-missjoni (li jħalli impatt, li jista' jitkejjel, immirat), bit-teħid inkunsiderazzjoni tat-tliet prinċipji ewlenin tal-NEB (is-sostenibbiltà, l-inklużjoni, l-estetika). It-tnedija ta' mill-inqas ħames "dimostraturi fanal" ambizzjużi u innovattivi ħafna madwar l-UE.

GĦAL: Entitajiet eliġibbli kollha fil-qafas ta' HE |BAĠIT: EUR 10 miljun |META: Settembru 2021 - Jannar 2022

HORIZON-CL4-2021-RESILIENCE-02-32: Dimostraturi ta' distretti ta' akkomodazzjoni soċjali u għall-but ta' kulħadd (IA): Id-dimostraturi ta' soluzzjonijiet innovattivi għar-rinnovazzjoni sostenibbli u inklużiva ta' distretti ta' akkomodazzjoni soċjali u għall-but ta' kulħadd skont approċċ tal-viċinat integrat, f'konformità mal-oġġettivi tal-Inizjattiva għal Akkomodazzjoni għall-But ta' kulħadd, se jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida.

GĦAL: Entitajiet eliġibbli kollha fil-qafas ta' HE |BAĠIT: EUR 2 miljun

|META: 2022

HORIZON-MISS-2021-CIT-01-02: Mudelli kollaborattivi ta' governanza lokali biex tiġi aċċellerata t-trasformazzjoni emblematika tal-ambjent urban u jingħata kontribut għall-inizjattiva Bauhaus Ewropea l-Ġdida u għall-oġġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew: is-sejħa se jkollha l-għan li tappoġġa mudelli innovattivi u kollaborattivi ta' governanza lokali li jinvolvu liċ-ċittadini kollha biex jaħsbu dwar trasformazzjoni urbana newtrali għall-klima filwaqt li jiġu promossi l-prinċipji tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida.

GĦAL: Entitajiet eliġibbli kollha fil-qafas ta' HE |BAĠIT: EUR 1 miljun |META: Settembru 2021 - Jannar 2022

HORIZON-CL5-2021-D4-02-03: Tishiĥ ta' koordinazzjoni Ewropea u skambju Ewropew għall-adozzjoni tal-innovazzjoni lejn is-sostenibbiltà, il-kwalità, iċ-ċirkolarità u l-inklużjoni soċjali fl-ambjent mibni bħala kontribut għall-Bauhaus Ewropea l-Ġdida (dan is-suġġett se jiġi implimentat fil-qafas tas-Sħubija Built4People). Is-sejħa se jkollha l-għan li tappoġġa azzjoni ta' koordinazzjoni u ta' appoġġ: għaż-żieda fl-adozzjoni ta' soluzzjonijiet innovattivi għal ambjent mibni sostenibbli, iċċentrat fuq il-bniedem, inklużiv u ta' kwalità; għall-intensifikazzjoni tal-apprendiment bejn il-pari; għaż-żieda tas-sensibilizzazzjoni dwar il-benefiċċji mill-innovazzjoni u l-kooperazzjoni transfruntiera sinerġetika fis-settur tal-ambjent mibni; għar-rikonoxximent u l-integrazzjoni aħjar ta' arkitettura u ta' prinċipji tad-disinn ta' kwalità; għat-tishiĥ tan-networking u tal-kofinanzjament tal-innovazzjoni.

GĦAL: Entitajiet eliġibbli kollha fil-qafas ta' HE | BAĠIT: EUR 6 miljun |META: Jannar 2022 - April 2022

HORIZON-CL2-2022-HERITAGE-01-10: Il-Bauhaus Ewropea l-Ġdida – tiswir ta' stil ta' ħajja aktar ekoloġiku u aktar ġust f'soċjetajiet kreattivi u inklużivi permezz tal-Arkitettura, id-Disinn u l-Arti: Ir-rwol tal-arkitettura ta' kwalità kif meqjus b'fokus fuq arkitettura u disinn sostenibbli u inklużivi bħala mezz biex tiġi aċċettata d-diversità tal-bniedem u biex jiġu żgurati l-benesseri, l-aċċessibbiltà u s-sikurezza għal kulħadd. Għandha titqies l-interkonnnessjoni bejn l-ispazji virtwali u fiżiċi, inkluż b'kunsiderazzjoni tal-kunċett emerġenti ta' "ambjent ibridu".

A.1.2. Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR)

GĦAL: Awtoritajiet pubbliċi | BAĠIT: EUR 2,5 miljun |META: Frar 2022

Assistenza Teknika: It-tishiĥ tal-kapaċitajiet, l-identifikazzjoni ta' sorsi ta' finanzjament, l-iżvilupp ta' metodoloġiji u proċessi sodi li jirfdu l-kodisinn parteċipattiv fil-livell lokali, l-investigazzjoni ta' angoli orizzontali usa' bħal fatturi abilitanti/inibitorji għall-ġenerazzjoni ta' proġetti tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida.

GĦAL: Awtoritajiet pubbliċi | BAĠIT: EUR 20 miljun | META: Q3 2022

L-Inizjattiva Urbana Ewropea: Appoġġ għal għadd addizzjonali (erbgħa jew aktar) ta' proġetti innovattivi ħafna. Is-sejħa se tiffinanzja proġetti biex jipprovdu eżempji tanġibbli u fil-ħajja reali ta' interventi tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida li jintegraw it-tliet valuri ewlenin tal-NEB.

A.1.3. Programm tas-Suq Uniku

GĦAL: eliġibbli fil-qafas tal-Programm tas-Suq Uniku |BAĠIT EUR 1.2 miljun |META: Lulju 2021 - Ottubru 2021

SMP-COSME-2021-HOUS-01 L-Inizjattiva għal Akkomodazzjoni għall-But ta' Kulħadd: Stabbiliment ta' sħubija għall-Inizjattiva għal Akkomodazzjoni għall-But ta' kulħadd fil-livell tal-UE li se tagħti appoġġ lis-sħubiji industrijali lokali (awtoritajiet lokali, fornituri tal-akkomodazzjoni soċjali u SMEs tal-kostruzzjoni, investituri) għal aċċess aħjar għal opportunitajiet ta' finanzjament, assistenza finanzjarja u teknika, kif ukoll tishiĥ tal-kapaċitajiet, skambju tal-aħjar prattiki u trasferiment tal-għarfien. Din is-sħubija se timmobilizza atturi tal-akkomodazzjoni għall-but ta' kulħadd u soċjali fil-livell lokali biex jitniedu proġetti fanal ta' rinnovazzjoni fil-livell distrettwali li

jkunu mmirati lejn l-akkomodazzjoni soċjali u għall-but ta' kulħadd, u li jsegwu approċċ integrat tal-
viċinat (sostenibbiltà, kapaċità ta' għajxien, aċċess għal servizzi lokali u soċjali, innovazzjoni,
opportunitajiet ta' negozju).

A.2. TRASFORMAZZJONI TAL-EKOSISTEMA ABILITANTI GĦALL- INNOVAZZJONI

Is-sistemi ta' produzzjoni tagħna jridu jkunu bbażati bis-sħiħ fuq fehim aktar approfondit tal-impatti
soċjetali u kulturali tal-prodotti u tas-servizzi, filwaqt li jkun hemm dipendenza wkoll fuq approċċi
ta' "disinn universali" li jistgħu jaġixxu irrispettivament mid-dixxiplini. L-innovazzjoni għandha tkun
immirata wkoll lejn l-integrazzjoni tas-sostenibbiltà, tal-inklużjoni u tal-estetika f'soluzzjonijiet u
f'prodotti ġodda.

A.2.1. Il-Programm LIFE

**GĦAL: Entitajiet eliġibbli kollha fil-qafas ta' LIVE |BAĠIT: EUR 13-il miljun (baġit stmat għal
proġetti tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida) | META: Lulju 2021 - Novembru 2021**

LIFE-2021-SAP-ENV-ENVIRONMENT: Il-proġetti LIFE se jappoġġaw lill-inizjattiva Bauhaus
Ewropea l-Ġdida biex il-Patt Ekoloġiku jsir esperjenza "tanġibbli" kulturali, iċċentrata fuq il-bniedem
u pożittiva. Proġetti inkubatur speċifiċi li huma mmirati lejn sfidi ambjentali trasversali bl-
involvement tal-komunitajiet xjentifiċi, governattivi, ċivili u intraprenditorjali rilevanti, bil-ħsieb li
jitfasslu stili ta' ħajja tal-futur li jinsabu f'salib it-toroq bejn ix-xjenza, l-ambjent, l-arti u l-kultura.
Dawn il-proġetti se jintegraw it-tliet dimensjonijiet tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida. Oqsma ta'
intervent speċifiċi u mhux esklużivi jistgħu jinkludu, pereżempju, l-ambjenti urbani, rikreattivi, tal-
għajxien u tax-xogħol, il-binjiet u l-materjal tal-bini, l-iskemi ta' mobbiltà, il-materjali sostenibbli, ir-
riċiklaġġ, l-użu sostenibbli tal-ħamrija, l-iżvilupp tal-ispazju ekoloġiku u l-ħarsien tal-bijodiversità,
eċċ.

A.2.2. Orizzont Ewropa - Pilastru 3 Ewropa Innovattiva

GĦAL: Negozji ġodda | BAĠIT: EUR 700 000 |META: Ottubru 2021

Aċċellerazzjoni tan-negozji ġodda tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida mill-EIT: identifikazzjoni tal-
aktar negozji ġodda u negozji li qed jespandu Ewropej promettenti b'soluzzjonijiet innovattivi li
jistgħu jappoġġaw il-Bauhaus Ewropea l-Ġdida. Aċċellerazzjoni tagħhom bl-aktar servizzi adattati
biex jikbru promoturi Ewropej li jistgħu jappoġġaw l-inizjattiva tal-NEB biex jiġu mmotivati l-ħolqien
tal-impjiegi, l-innovazzjoni u t-tkabbir għall-Ewropa

A.2.3. Programm tas-Suq Uniku - Pilastru COSME¹

**GĦAL: Disinjaturi, professjonisti kreattivi, SMEs, fornituri ta' teknoloġija |META:
Ottubru 2021**

| BAĠIT: EUR 4 miljun

Proġett ta' Sħubija Worth: Waħda mis-sejnhiet għal espressjonijiet ta' interess fil-qafas tal-Proġett
ta' Sħubija Worth se tkun iddedikata għall-Bauhaus Ewropea l-Ġdida. Din l-azzjoni ta' inkubazzjoni
u ta' aċċellerazzjoni tippovdi appoġġ iddedikat (mentoraġġ, ikkowċjar u viżibbiltà) għas-sħubijiet
kummerċjali bejn id-disinjaturi, il-manifatturi/l-artiġjani u l-fornituri tat-teknoloġija. Is-sħubiji
magħżula jirċievu appoġġ biex jiżviluppaw ideat tan-negozju ġodda (prodotti, servizzi, proċessi ta'
produzzjoni jew mudelli kummerċjali) fl-industrija tal-istil ta' ħajja, inkluż id-dekorazzjonijiet tal-
għamara domestika, id-disinn intern u l-arkitettura, kif ukoll il-moda.

**GĦAL: Xerrejja pubbliċi (briet, reġjuni, sptarijiet, korpi ċentrali għall-akkwisti, eċċ.)
|META: Miftuħa**

¹ <https://eufundingoverview.be/funding/cosme>

BAĠIT: l-ebda ammont prestabbilit allokat għall-Bauhaus Ewropea l-Ġdida

Il-programm ta' **intelliġenza kollettiva** u ta' azzjoni ta' **Big Buyers** (Big Buyers 3 – BB3) għandu l-għan li jrawwem il-kooperazzjoni bejn il-parteċipanti biex tittejjeb il-prattika tal-akkwisti, jiġi kondiviż l-għarfien espert, ikun hemm interazzjoni konġunta mas-suq, u jitravwem l-użu tal-akkwist ta' innovazzjoni. Il-parteċipanti għandhom iħejju elementi għall-proċeduri ta' akkwist rilevanti. Barra minn hekk, il-piż aggregat tagħhom għandu jintuża biex is-suq jiġi orjentat lejn l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet innovattivi. Dan il-proġett għandu l-għan li jikkontribwixxi għall-irkupru ekonomiku tal-UE, filwaqt li jstimula l-innovazzjoni u n-negozji ġodda. Mill-inqas wieħed mill-10 Gruppi ta' Fidma li se jiġu stabbiliti jrid jiġi stabbilit fil-qasam tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida.

A.3. DIFFUŻJONI TA' TIFSIRIET ĠODDA

Jidher li applikazzjoni aktar sistematika ta' proċessi ta' kodiċin li jinvolvu l-komunitajiet u s-soċjetà ċivili u li jiddependu minn kollaborazzjoni interġenerazzjonali u multidixiplinarja (inklużi, fost oħrajn, ix-xjenza u t-teknoloġija, l-applikazzjonijiet diġitali, is-soċjoloġija, ix-xjenzi soċjali, ix-xjenza politika, l-ekonomija, il-kultura, l-edukazzjoni, id-disinn) hija element ewlieni biex jiġu indirizzati l-isfidi soċjali u ambjentali kif irrappurtat mill-kontributori għall-fażi ta' kodiċin tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida.

A.3.1. Pjattaforma ta' Kondiviżjoni tal-Għarfien LIFE-Bauhaus Ewropea l-Ġdida

GĦAL: KOLLHA

BAĠIT: EUR 150 000

META: Novembru 2021

Laqgħa ta' pjattaforma biex jiġu ppreżentati proġetti ffinanzjati permezz tal-programmi LIFE u Orizzont 2020 li huma eżempji tajbin ta' realtjiet tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida diġà użati, biex tingħata ispirazzjoni għal proġetti ġodda biex tiġi appoġġata diffużjoni usa' tal-valuri tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida.

A.3.2. Attivitajiet ta' ERASMUS+ għaż-żgħażaġġ, l-edukazzjoni skolastika u l-għalliema²

GĦAL: Kwalunkwe organizzazzjoni pubblika jew privata attiva fil-qasam taż-żgħażaġġ

META: 2022

BAĠIT: (għad irid jiġi kkonfermat) : l-ebda ammont prestabbilit allokat għall-Bauhaus Ewropea l-Ġdida

L-azzjoni Żgħażaġġ Ewropej Flimkien tappoġġa sħubiji transnazzjonali għall-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġġ li għandhom l-għan li jsaħħu d-dimensjoni Ewropea tal-attivitajiet tagħhom, li jippermettu li ż-żgħażaġġ madwar l-Ewropa jistabbilixxu proġetti konġunti, jorganizzaw skambji u jippromwovu taħriġ. Din l-azzjoni tista' tikkontribwixxi għal attivitajiet relatati mal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida.

GĦAL: Persunal tal-iskejjel fl-ECEC³, fil-primarja, fis-sekondarja, fil-VET (eż. għalliema, surmasti)

META: 2022

BAĠIT: mhux applikabbli⁴

It-tema annwali tal-eTwinning 2022 se tkun "Il-ġejjieni tagħna - sħubija, sostenibbiltà, flimkien: Skejjel u l-Bauhaus Ewropea l-Ġdida: Nimmaġinaw ambjent ta' apprendiment kreattiv fi skejjel ekoloġiċi u inklużivi". L-għalliema u l-persunal tal-iskejjel se jiġu mistiedna jirriflettu mal-istudenti

²Il-finanzjament minn Erasmus jista' jiġi kkomplementat minn fondi nazzjonali jew Ewropej oħra, bħall-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond Soċjali Ewropew (FSE+), l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku (TSI), Orizzont Ewropa, u InvestEU.

³ Edukazzjoni u Kura Bikrija tat-Tfal

⁴ It-tema annwali tal-eTwinning hija organizzata u implimentata mis-Servizz ta' Appoġġ Ċentrali tal-eTwinning iffinanzjat minn Erasmus+. L-attivitajiet, il-pubblikazzjonijiet u l-kampanji relatati kollha huma parti integrali mill-kuntratt ta' servizz rispettiv.

tagħhom dwar l-iskola tagħhom fiż-żmien "ta' wara l-Covid". Dawn se jiżviluppaw il-viżjoni tagħhom tal-iskola ideali. It-tema annwali tal-eTwinning hija koperta b'mod prominenti minn kampanji tul is-sena kollha, mill-konferenza annwali dwar l-eTwinning f'Ottubru, u mill-ktieb annwali tal-eTwinning. Barra minn hekk, avvenimenti kbar tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida rilevanti għall-partijiet ikkonċernati fl-edukazzjoni fl-iskejjel se jiżdiedu mal-kalendarju fuq is-School Education Gateway, hekk kif dawk rilevanti għall-professjonisti fl-edukazzjoni għall-adulti se jiżdiedu mal-kalendarji tal-Pjattaforma Elettronika għall-Apprendiment tal-Adulti fl-Ewropa (EPALE). Il-kanali rispettivi tal-media soċjali tal-pjattaformi kollha se jkopru dawn b'mod ugwali.

GĦAL: Organizzazzjonijiet li jkunu lestew proġett Erasmus+ li jinkludi prattiki ta' taġġim straordinarji

|BAĠIT: L-ebda baġit speċifiku għal dawk li jingħataw għotja

META: T2 2022

Il-Premju Ewropew għat-Tagħlim Innovattiv 2022 jista' jiffoka fuq suġġetti relatati mal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida, b'mod partikolari r-rabta bejn is-sostenibbiltà, il-parteċipazzjoni u l-inklużjoni, kif ukoll taġġim u apprendiment innovattivi u approċċi tal-iskejjel kollha li jlaqqgħu flimkien lill-atturi kollha fil-livell komunitarju. Dan kieku jenfasizza proġetti ta' suċċess fil-programm Erasmus+ u jipprovdi opportunità biex dawn il-proġetti jingħaqdu u jaħdmu flimkien.

GĦAL: Parteċipanti f'DiscoverEU |BAĠIT: L-ebda ammont prestabbilit allokat għall-Bauhaus Ewropea l-Ġdida |META: 2022

Kull sena, DiscoverEU tipromwovi attivitajiet madwar ċerta tema. Fl-2022, it-tema annwali ta' DiscoverEU se tkun marbuta mal-inizjattiva Bauhaus Ewropea l-Ġdida.

SEJĦIET TA' KONTRIBUZZJONI GĦALL-BAUHAUS EWROPEA L-ĠDIDA

Xi azzjonijiet oħra se jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida billi jinkludu l-inizjattiva bħala element ta' kuntest fis-sejħiet tagħhom.

B.1. TRASFORMAZZJONI TA' NĦAWI FIL-PRATTIKA

Ir-riċerka u l-esperimentazzjoni fir-rigward tal-kostruzzjoni, tar-rinnovazzjoni u tas-setturi tal-wirt kulturali jistgħu jikkontribwixxu għall-Bauhaus Ewropea l-Ġdida fl-iżvilupp ta' għodod u ta' soluzzjonijiet ġodda li jistgħu jkunu inkorporati fi proġetti ta' trasformazzjoni.

B.1.1. Orizzont Ewropa - Pilastru 2 Sfidi globali u kompetittività industrijali Ewropea

GĦAL: Entitajiet eliġibbli kollha fil-qafas ta' HE |BAĠIT: l-ebda ammont prestabbilit allokat għall-Bauhaus Ewropea l-Ġdida | **META: Ġunju 2021- Settembru 2021**

HORIZON-CL4-2021-TWIN-TRANSITION-01-10: Permessi diġitali u kontrolli tal-konformità għall-bini u l-infrastruttura (IA): tliet proġetti biex jittejjbu a) iż-żidiet fl-effiċjenza u fil-produttività, u jsiru inqas żbalji fil-proċessi tad-disinn u tal-kostruzzjoni; b) Permessi u konformità awtomatizzati, aktar rapidi, aktar preċiżi u aktar effiċjenti għax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni (eż. regolatorji, tas-saħħa u tas-sikurezza, tal-prestazzjoni); c) Kwalità tal-bini u effiċjenza fir-riżorsi aħjar fil-kostruzzjoni, f'konformità mal-għanijiet tal-inizjattiva Bauhaus Ewropea Ġdida.

GĦAL: Entitajiet eliġibbli kollha fil-qafas ta' HE |BAĠIT: l-ebda ammont prestabbilit allokat għall-Bauhaus Ewropea l-Ġdida | **META: Ottubru 2021 – Marzu 2022**

HORIZON-CL4-2022-TWIN-TRANSITION-01-09: Dimostrazzjoni tal-użu tal-Ġurnal Diġitali għall-bini (IA): żewġ proġetti biex issir ħidma fuq a) Effiċjenza mtejjba fir-riżorsi u dekarbonizzazzjoni tal-bini; b) Rabtiet imtejjba tal-bażijiet tad-*data*, l-għodod u s-sorsi eżistenti għall-ġurnali diġitali tal-bini; c) Użu mtejjeb tal-ġurnali diġitali tal-bini permezz tal-esperjenza tal-utenti, b'qies ta' kwistjonijiet relatati mal-aċċessibilità kif ukoll mal-inklużività; d) Għodod ġodda jew imtejjba għall-ġbir u l-aġġornament ta' *data* rilevanti; e) Dimostrazzjoni ta' benefiċċji oħra tal-użu ta' ġurnali diġitali tal-bini eż. is-sikurezza u s-saħħa fil-bini u l-kostruzzjoni, pereżempju permezz ta' monitoraġġ strutturali tas-saħħa; kosteffettività, titjib fl-effiċjenza f'termini ta' żmien; reżiljenza msaħħa għall-klima.

GĦAL: Entitajiet eliġibbli kollha fil-qafas ta' HE |BAĠIT: l-ebda ammont prestabbilit allokat għall-Bauhaus Ewropea l-Ġdida | **META: Ottubru 2021 - Frar 2022/Settembru 2022**

HORIZON-CL6-2022-CIRCBIO-02-01-two-stage: Soluzzjonijiet integrati għaċ-ċirkolarità fil-bini u fis-settur tal-kostruzzjoni (IA) biex jikkontribwixxu għall-Bauhaus Ewropea l-Ġdida permezz ta': 1) proġetti dwar tnedija u użu aktar estensiv ta' soluzzjonijiet innovattivi mis-suq a) għall-kostruzzjoni, il-prevenzjoni tal-iskart, l-estensjoni tal-ħajja u t-titjib tal-prestazzjoni tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-bini u tal-komponenti tiegħu; b) disinn u manifattura għaż-żarmar, il-prevenzjoni u l-immaniġġjar tal-iskart, l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ fis-settur tal-kostruzzjoni, inkluż il-produzzjoni u l-armar; 2) Tixrid imsaħħa ta' soluzzjonijiet diġitali avvanzati; 3) Żieda fir-rati ta' rkupru u ta' riċiklaġġ tal-iskart mill-kostruzzjoni u mid-demolizzjoni; 4) Eliminazzjoni mtejjba ta' sustanzi perikolużi minn materjali sekondarji; 5) Żieda fl-użu mill-ġdid kreattiv ta' materjal użat mill-ġdid u riċiklat fil-kostruzzjoni; u 6) Aktar għarfien dwar l-impronta ambjentali ġenerali tal-bini u tal-materjal tal-bini u ż-żieda fl-applikazzjoni Prattika tal-metodu tal-Impronta Ambjentali tal-Prodotti tal-Kummissjoni.

GĦAL: Entitajiet eliġibbli kollha fil-qafas ta' HE |BAĠIT: l-ebda ammont prestabbilit allokat għall-Bauhaus Ewropea l-Ġdida | **META: Settembru 2021 - Janjar 2022**

HORIZON-CL5-2021-D4-02-02: Pakketti ta' rinnovazzjoni olistiċi kosteffettivi, sostenibbli u b'diversi funzjonijiet u/jew prefabbricati, li jintegraw ir-RES u li jinkludu materjali użati mill-ġdid u riċiklati (Built4People). Dawn għandhom ikopru dimostrazzjoni fuq skala kbira u fil-ħajja reali ta'

innovazzjonijiet teknoloġiċi promettenti li jirrispettaw il-prinċipji tas-sostenibbiltà taċ-ċiklu tal-ħajja, ikunu utli għal firxa wiesgħa ta' kundizzjonijiet ambjentali u jwasslu għal titjib tal-ambjent ta' ġewwa u għal kumdità tal-utent, sodisfazzjon, kif ukoll aċċessibbiltà filwaqt li jiġu rispettati l-estetika, il-valur storiku u/jew l-identità arkitettonika lokali.

GĦAL: Entitajiet eliġibbli kollha fil-qafas ta' HE |BAĠIT: l-ebda ammont prestabbilit allokat għall-Bauhaus Ewropea l-Ġdida |META: **Settembru 2021 - Janjar 2022**

HORIZON-CL5-2022-D4-02-03: Soluzzjonijiet sostenibbli u effiċjenti fir-riżorsi għal wirt kulturali miftuħ, aċċessibbli, inklużiv, reżiljenti u b'emissjonijiet baxxi: prevenzjoni, monitoraġġ, immaniġġjar, manutenzjoni u rinnovazzjoni (Built4People). Li jiġu pprovduti soluzzjonijiet teknikament u soċjalment innovattivi, sostenibbli, effiċjenti fl-enerġija u fir-riżorsi għat-titjib u għall-preservazzjoni kosteffettivi tal-wirt kulturali fl-ambjent mibni tul l-aspetti rilevanti kollha: inklużjoni, aċċessibbiltà, reżiljenza, prestazzjoni ambjentali u enerġetika, u tul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu. Għandu jiġi żgurat kemm l-involviment ta' gruppi tal-partijiet ikkonċernati rilevanti (eż. organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, assoċjazzjonijiet, partijiet ikkonċernati tal-wirt kulturali bħal korpi għall-protezzjoni tal-wirt kulturali) kif ukoll għandha tiġi żgurata l-aċċettazzjoni taċ-ċittadini u l-ideat soċjalment innovattivi.

B.2. TRASFORMAZZJONI TAL-EKOSISTEMA ABILITANTI GĦALL-INNOVAZZJONI

It-trasformazzjoni tal-inħawi skont il-prinċipji tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida se teħtieġ ukoll l-adattament tal-mudell tan-negozju u l-iżviluppi ta' approċċi ġodda. F'dan il-kuntest, l-ekonomija soċjali tista' ġiġib kontribut importanti għall-inizjattiva.

B.2.1. Programm tas-Suq Uniku

GĦAL: eliġibbli fil-qafas tal-Programm tas-Suq Uniku | BAĠIT: **EUR 4 miljun** | META: **Settembru 2021**

L-Ekonomija Soċjali u l-Patti Ekoloġiċi Lokali li jappoġġaw lill-SMEs biex ikunu aktar reżiljenti: Din is-sejħa għal proposti se tappoġġa l-iżvilupp ta' sħubiji bejn ir-regġuni u l-ibliet fir-rigward ta' Patti Ekoloġiċi Lokali u tal-ekonomija soċjali, biex tingħata spinta lir-reżiljenza territorjali u lit-tfassil mill-ġdid tat-tkabbir ekonomiku lokali. Fokus fuq it-tiħiħ tal-kapaċitajiet għall-bliet/awtoritajiet lokali u għall-intrapriżi tal-ekonomija soċjali, il-parteċipazzjoni u t-tiħiħ tal-pożizzjoni taċ-ċittadini. L-azzjoni se tappoġġa lis-sħubiji fl-implimentazzjoni tal-Patti Ekoloġiċi Lokali u fit-trawwim ta' reżiljenza komunitarja tal-ekonomija soċjali għal żvilupp lokali sostenibbli u inklużiv u t-tranżizzjoni doppja. Il-Bauhaus Ewropea l-Ġdida hija waħda mit-temi prijoritarji.

B.2.2. Orizzont Ewropa - Pilastru 2 Sfidi globali u kompetittività industrijali Ewropea

GĦAL: Entitajiet eliġibbli kollha fil-qafas ta' HE |BAĠIT: l-ebda ammont prestabbilit allokat għall-Bauhaus Ewropea l-Ġdida |META: **Ġunju 2021- Settembru 2021**

HORIZON-CL4-2021-RESILIENCE-01-31: Il-Fabbrika Ewropea tal-Innovazzjoni Teknoloġika u Soċjali (RIA): Appoġġ finanzjarju u għat-tiħiħ tal-kapaċitajiet għall-innovaturi soċjali biex jiżviluppaw l-ideat tagħhom f'soluzzjonijiet konkreti li se jikkontribwixxu għall-Bauhaus Ewropea l-Ġdida.

L-innovazzjoni tinvolvi s-settur tal-kreattività u tal-edukazzjoni tista' tikkontribwixxi għall-oġġettivi tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida.

B.2.3. Ewropa Kreattiva – Fergħa Transsettorjali

GĦAL: Organizzazzjonijiet attivi fis-Setturi tal-Kultura u tal-Kreattività |META: **Ġunju – 5 ta' Ottubru 2021**

BAĠIT: l-ebda ammont prestabbilit allokat għall-Bauhaus Ewropea l-Ġdida

EA-CROSS-2021-INNOVLAB II-Laboratorji tal-Innovazzjoni Kreattiva jappoġġaw id-disinn u l-ittestjar ta' soluzzjonijiet diġitali innovattivi b'impatt pożittiv potenzjali fit-tul fuq diversi setturi kulturali u kreattivi. Il-Laboratorji jiffaċilitaw il-ħolqien ta' soluzzjonijiet innovattivi (eż. għodod, mudelli u metodoloġiji) li għandhom ikunu jistgħu jiġu replikati faċilment u li jkollhom potenzjal għall-penetrazzjoni fis-suq. Il-proġetti jistgħu jiffukaw fuq l-Ekoloġizzazzjoni tal-katina tal-valur fis-setturi kulturali u kreattivi kollha, inkluż azzjonijiet li jikkontribwixxu għall-Bauhaus Ewropea l-Ġdida.

B.2.4. Sħubiji għall-Innovazzjoni ERASMUS+ – Alleanzi għall-innovazzjoni

GĦAL: Organizzazzjonijiet pubbliċi u privati attivi fl-oqsma tal-edukazzjoni u t-taħriġ
|BAĠIT: GĦAD IRID JIĠI KKONFERMAT⁵ | META: 2022

L-Alleanzi għall-innovazzjoni fil-qafas ta' Erasmus+ (immirar tal-kooperazzjoni bejn firxa usa' ta' partijiet ikkonċernati: studenti, universitajiet, kumpaniji, NGOs, soċjetà ċivili eċċ.) se jikkontribwixxu għall-attivitajiet relatati mal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida permezz ta' prijorità ddedikata. Dan kieku jkollu fil-mira kemm is-settur tal-edukazzjoni għolja kif ukoll dak tal-VET.

B.2.5. Sħubija għall-Eċċellenza ERASMUS+ - Ċentri ta' Eċċellenza Vokazzjonali (CoVE)⁶

GĦAL: Fornituri ta' Edukazzjoni u Taħriġ Vokazzjonali (VET), istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja, istituzzjonijiet ta' riċerka, parks tax-xjenza, aġenziji ta' innovazzjoni, kumpaniji, kmamar u l-assoċjazzjonijiet tagħhom, sħab soċjali, intrapriżi soċjali, kunsilli tal-ħiliet settorjali, fost oħrajn
|META: Settembru/Ottubru 2021

|BAĠIT: l-ebda ammont prestabbilit allokat għall-Bauhaus Ewropea l-Ġdida

L-inizjattiva CoVE tappoġġa approċċ axxendenti għall-Eċċellenza Vokazzjonali li tinvolvi firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati lokali. Dan jippermetti li l-istituzzjonijiet tal-VET jadattaw malajr il-forniment ta' ħiliet għall-ħtiġijiet ekonomiċi u soċjali li qed jevolvu, inkluż it-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali. Dawn jistgħu jikkontribwixxu għall-fażi ta' twassil ta' riżultati tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida billi jikkollaboraw mal-komunitajiet involuti fit-trasformazzjonijiet lokali mrawma mill-inizjattiva. Il-CoVEs joperaw f'kuntest lokali partikolari, billi huma dak li jgħaqqad l-ekosistemi tal-ħiliet għall-innovazzjoni, l-iżvilupp reġjonali u l-inklużjoni soċjali, filwaqt li jaħdmu ma' CoVEs f'pajjiżi oħra permezz ta' networks kollaborattivi internazzjonali.

B.3. DIFFUŻJONI TA' TIFSIRIET ĠODDA

Il-ħidma mal-komunitajiet fil-qafas ta' kollaborazzjoni se tkun spazju ta' apprendiment fundamentali għall-Bauhaus Ewropea l-Ġdida.

B.3.1. Orizzont Ewropa - Pilastru 2 Sfidi globali u kompetittività industrijali Ewropea

GĦAL: Entitajiet eliġibbli kollha fil-qafas ta' HE |BAĠIT l-ebda ammont prestabbilit allokat għall-Bauhaus Ewropea l-Ġdida |META: **Ġunju 2021- Ottubru 2021**

HORIZON-CL4-2021-HUMAN-01-19: L-ittestjar ta' soluzzjonijiet innovattivi fuq id-domanda tal-komunitajiet lokali (CSA): Kreazzjoni konġunta u ttestjar ta' soluzzjonijiet soċjetali, sabiex ir-riċerka u l-innovazzjoni żviluppata fl-Ewropa jkunu jistgħu jiġu ttestjati mal-komunitajiet lokali, filwaqt li jiġi appoġġat l-approċċ kollaborattiv promoss mill-Bauhaus Ewropea l-Ġdida.

GĦAL: Entitajiet eliġibbli kollha fil-qafas ta' HE |BAĠIT: l-ebda ammont prestabbilit allokat

⁵ Il-baġit għal din l-azzjoni huwa parti mill-programm ta' ħidma annwali ta' Erasmus+ għall-2022, inkluż it-tqassim tal-baġit annwali bejn l-azzjonijiet, li għandu jiġi vvalidat mill-Kumitat ta' Erasmus+ u deċiż mill-Kummissjoni fuq bażi annwali.

⁶ Il-paġna web taċ-Ċentri ta' Eċċellenza Vokazzjonali

għall-Bauhaus Ewropea l-Ġdida |META: **Ottubru 2021 – Frar 2022**

HORIZON-CL6-2022-GOVERNANCE-01-08: Proposta ta' suċċess se tikkontribwixxi għall-użu wiesa' u għall-valur miżjud ta' osservazzjonijiet ambjentali, billi ttejjeb l-adozzjoni u l-validazzjoni tad-*data* miġbura miċ-ċittadini, u billi żżid l-involvement u l-interazzjoni maċ-ċittadini, u b'hekk tikkontribwixxi għall-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u għal Sistema msaħħa tas-Sistemi għall-Osservazzjoni Globali tad-Dinja. Minħabba l-fokus fuq l-ambjent urban u t-talba biex jitqiesu d-dimensjonijiet soċjali u kulturali tal-osservazzjoni u l-interazzjoni maċ-ċittadini, il-proġetti għandhom ifittxu li jikkontribwixxu għall-Bauhaus Ewropea l-Ġdida.

GĦAL: **Entitajiet eliġibbli kollha fil-qafas ta' HE** |BAĠIT: l-ebda ammont prestabbilit allokat għall-Bauhaus Ewropea l-Ġdida |META: **Ottubru 2021 – Frar 2022**

HORIZON-CL6-2022-COMMUNITIES-01-05: Valutazzjoni tal-politiki soċjoekonomiċi ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura għal komunitajiet aktar inklużivi u reżiljenti: Il-proġetti għandhom ifittxu li jikkontribwixxu għall-inizjattiva Bauhaus Ewropea l-Ġdida billi jappoġġaw it-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali fl-ambjenti tal-għajxien tal-komunitajiet, permezz ta' fużjoni tas-sostenibbiltà, tal-inklużjoni u tal-kwalità tal-esperjenza. Jistgħu jiġu previsti proġetti pilota fuq skala żgħira biex jiġu esplorati soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura li jkunu innovattivi jew fl-ambitu funzjonali tagħhom, jew fil-firxa soċjoekonomika, fl-approċċi integrattivi jew fl-applikazzjoni tagħhom f'kuntesti ġodda.

Il-proġetti kulturali, tal-edukazzjoni u għall-volontarjat taż-żgħażaġh jistgħu jikkontribwixxu b'mod utli għall-Bauhaus Ewropea l-Ġdida.

B.3.2. Ewropa Kreattiva – Fergħa tal-KULTURA⁷

GĦAL: **Organizzazzjonijiet attivi fis-Setturi Kulturali u tal-Kreattività** |BAĠIT: l-ebda ammont prestabbilit allokat għall-Bauhaus Ewropea l-Ġdida |META: **2022**

Il-proġetti Ewropej ta' kooperazzjoni kulturali għandhom l-għan li jrawmu l-kooperazzjoni bejn organizzazzjonijiet attivi fil-qasam tal-kultura, biex tiżdied id-dimensjoni Ewropea tal-ħolqien u taċ-ċirkolazzjoni tal-kontenut artistiku Ewropew kif ukoll biex jitħeġġu l-iżvilupp, l-esperimentazzjoni, it-tixrid jew l-applikazzjoni ta' Prattiki ġodda u innovattivi. Il-proġetti ta' kooperazzjoni Ewropej huma maħsuba wkoll biex jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni ta' inizjattivi ta' politika tal-UE emerġenti fil-qasam tal-kultura, bħall-Bauhaus Ewropea l-Ġdida. Is-sejħiet xierqa se jinkludu suġġetti u prijoritajiet tematiċi rilevanti għall-Bauhaus Ewropea l-Ġdida.

B.3.3. Korp Ewropew ta' Solidarjetà

GĦAL: **Organizzazzjonijiet u żgħażaġh eliġibbli biex jipparteċipaw fl-azzjonijiet tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà** |BAĠIT: (għad irid jiġi kkonfermat)⁸ |META: **2022**

Għas-sejħa annwali tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà għall-2022, l-inizjattiva Bauhaus Ewropea l-Ġdida hija parti mill-prijorità orizzontali dwar is-sostenibbiltà ambjentali u l-għanijiet klimatiċi.

⁷ Il-baġit għal din l-azzjoni huwa parti mill-programm ta' ħidma annwali ta' Ewropa Kreattiva għall-2022, inkluż it-tqassim tal-baġit annwali bejn l-azzjonijiet, li għandu jiġi vvalidat mill-Kumitat tal-Ewropa Kreattiva u deċiż mill-Kummissjoni fuq bażi annwali.

⁸ Il-baġit għal din l-azzjoni huwa parti mill-Korp Ewropew ta' Solidarjetà għall-2022, inkluż it-tqassim tal-baġit annwali bejn l-azzjonijiet, li għandu jiġi vvalidat mill-Kumitat tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u deċiż mill-Kummissjoni fuq bażi annwali.